



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 2 ta' Settembru 2014
(OR. en)

**Fajl Interistituzzjonali:
2014/0243 (NLE)**

**12741/14
ADD 1**

**EEE 65
N 21
TRANS 397
MAR 130
AVIATION 167
RECH 347**

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	19 ta' Awwissu 2014
lil:	Is-Sur Uwe CORSEPIUS, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2014) 525 final Anness
Suġġett:	ANNEXS DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru .../2014 li temenda l-Protokoll 31 tal-Ftehim taż-ŻEE, dwar kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet għall- proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar emenda għall-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE, dwar kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet (Galileo)

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2014) 525 final Anness.

Mehmuż: COM(2014) 525 final Anness



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 19.8.2014
COM(2014) 525 final

ANNEX 1

ANNEX

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru .../2014

**li temenda l-Protokoll 31 tal-Ftehim taż-ŻEE, dwar kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li
ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet**

għall-

proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill

**dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat
Konġunt taż-ŻEE dwar emenda għall-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE, dwar kooperazzjoni
f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet (Galileo)**

ANNEX

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru .../2014

ta'

**li temenda l-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE,
dwar kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikoli 86 u 98 tiegħu,

Billi:

- (1) In-Norveġja ħadet sehem u kkontribwiet finanzjarjament għall-attivitajiet tal-Programmi tal-GNSS Ewropej li jirriżultaw mir-Regolament (KE) Nru 683/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ u se tkompli tipparteċipa u tikkontribwixxi finanzjarjament għall-attivitajiet li jirriżultaw mir-Regolament (UE) Nru 1285/2013² permezz tal-inklużjoni ta' dawk ir-Regolamenti fil-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE.
- (2) In-Norveġja u l-Islanda għandhom interess fis-servizzi kollha li se jiġu offruti mis-sistema stabbilita skont il-programm Galileo, inkluż is-Servizz Pubbliku Regolat ("PRS").
- (3) Huwa għalhekk xieraq li l-kooperazzjoni tal-Partijiet Kontraenti tal-Ftehim ŻEE tiġi estiża sabiex tinkludi d-Deċiżjoni Nru 1104/2011/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar ir-regoli ta' aċċess għas-servizz pubbliku regolat offrut mis-sistema dinjija ta' navigazzjoni bis-satellita li ġiet stabbilita taħt il-programm Galileo³.
- (4) In-Norveġja tista' ssir parteċipant fil-PRS soġġett għall-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 3(5) tad-Deċiżjoni 1104/2011/UE.
- (5) Il-Ftehim bejn ir-Renju tan-Norveġja u l-Unjoni Ewropea dwar il-proċeduri ta' sigurtà għall-iskambju ta' informazzjoni klassifikata⁴, li ġie ffirmat fit-22 ta' Novembru 2004, japplika mill-1 ta' Diċembru 2004.
- (6) Il-Ftehim ta' Kooperazzjoni dwar in-Navigazzjoni bis-Satellita bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha u r-Renju tan-Norveġja⁵, li ġie ffirmat fit-22 ta' Settembru 2010, japplika provviżorjament mill-1 ta' Mejju 2011.

¹ ĠU L 196, 24.7.2008, p. 1.

² ĠU L 347, 20.12.2013, p. 1.

³ ĠU L 287, 4.11.2011, p. 1.

⁴ ĠU L 362, 9.12.2004, p. 29.

⁵ ĠU L 283, 29.10.2010, p. 12.

- (7) Il-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE għandu għalhekk jiġi emendat sabiex jippermetti din il-kooperazzjoni estiża.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-paragrafu li ġej jiddaħħal wara l-paragrafu 8c fl-Artikolu 1 tal-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE:

- "8d. (a) L-Istati tal-EFTA jipparteċipaw fl-attivitajiet li jistgħu jirriżultaw mill-att tal-Unjoni li ġej:
- **32011 D 1104:** Id-Deċiżjoni Nru 1104/2011/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar ir-regoli ta' aċċess għas-servizz pubbliku regolat offrut mis-sistema dinjija ta' navigazzjoni bis-satellita li ġiet stabbilita taħt il-programm Galileo (ĠU L 287, 4.11.2011, p. 1).
- (b) L-Istati tal-EFTA jistgħu jsiru parteċipanti fil-PRS soġġett għall-konklużjoni tal-Ftehimiet imsemmija fl-Artikolu 3(5)(a) u (b) tad-Deċiżjoni 1104/2011/UE.
- (c) Il-parteeċipazzjoni tal-Istati tal-EFTA f'diversi kunitati u gruppi ta' esperti relatati mal-PRS għandha tiġi indirizzata fir-regoli ta' proċedura korrispondenti tagħhom.
- (d) L-Artikolu 10 tad-Deċiżjoni 1104/2011/UE ma japplikax għall-Istati tal-EFTA.
- (e) Dan il-paragrafu ma japplikax għal-Liechtenstein.
- (f) Fir-rigward tal-Islanda, dan il-paragrafu huwa sospiż sakemm jiġi deċiż mod ieħor mill-Kunitat Konġunt taż-ŻEE."

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum wara l-aħħar notifika skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE*.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tiġi ppubblikata fit-Taqsima ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Supplement taż-ŻEE tiegħu.

Magħmul fi Brussell, .

Għall-Kunitat Konġunt taż-ŻEE
Il-President

* [Mhumieks indikati rekwiżiti kostituzzjonali.] [Huma indikati rekwiżiti kostituzzjonali.]

*Is-Segretarji
għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*